MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 629/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**SAVIOUR K/A SILVIO MERCIECA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Saviour k/a Silvio Mercieca , ta' 45 sena iben George u Carmela nee' Zammit , mwieled Hamrun, fis-19 ta'Awwissu 1965, u joqghod 19 'Peace' Triq San Gaetano Hamrun , w detentur tal-karta ta' l-identita bin numru 410065 (M).

Billi huwa akkuzat talli f'April 2011 u fix-xhur u s-snin precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; fil-kapacita tieghek ta'ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika,

jew tal-Gvern jew mal-Gvern, b’theddid jew b’abbuz ta’awtorita’, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu li l-Ligi ma tippermettix, ai termini ta’l-Artikoli 18, 112 u 113 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, fil-kapacita tieghu ta’ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tieghu tlalab, irciva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux il-jedd u naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, ai termini ta’l-Artikolu 115 (c) tal-kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’malta;
Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas id-danni, l-ispejjez, kif ukoll ghal-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollhat al-kaz.

Rat ic-certifkat tal-mewt tal-imputat esebit fis-6 ta’Frar 2012.

Ikkunsidrat:-

Illi in vista tal-fatt illi l-imputat miet fil-mori tal-kawza kif jirrizulta minn Dok MC certfikat tal-mewt esebit mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti skond il-ligi, tiddikjara procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------